# KIF KIENET IL-HAJJA FI ZMIEN GESU'

## ID-DJAR TAL-LHUD

Fil-Palestina ta' zmien Gesu', id-djar kienu jimbnew mill-bricks tat-tafal jew gebel u jitqieghdu wahda fuq l-ohra u wahda magemb l-ohra permezz tat-tajn u tiben. L-art ta' dawn id-djar kienu jzommu hafna hmieg.




Id-dar ta' familja lhudija kienet tikkonsisti f'kamra wahda maqsuma normalment f'zewg livelli, b'dak ta' fuq iservi biex jghixu go fih u ta' taht ghat-trobbija ta' l-annimali.

Il-foqra kienu jghixu fi djar ta' kamra wahda mibnija bl-istess mod. Turgien esterni kienu jaghtu ghall-bejt li kien joffri xi ftit ta' l- ispazju u fejn wiehed jista' joqghod ghal xi mistrieh. Kien iservi wkoll biex l-ilma tax-xita li jaqa' fuqu jingabar f'cisterni. Hafna drabi meta

jispicca l-ilma kienu jmorru jimlew  minn xi ghajn u jgorruh d-dar f'garrar. God-dar  pjattaforma gholja f'rokna tal-kamra kienet toffri post biex wiehed jorqod u jiekol. Il-livell il-baxx kien isiervi bhala stalla.

Fid-dar lhudija wiehed kien isib mejda, xi magna ta' l-insig, skutelli ta' l-injam u anke lampi taz-zejt biex jaghtu d-dawl meta jaqa' id-dlam.

Meta wiehed kien irid jorqod kien jifrex is-saqqu fl-art. L-ghonja biss kellhom is-sodda kif nafuha ahna.

IX-XOGHLIJIET



L-irgiel kienu jaqilghu l-ghexien ghall-familji taghhom mill-biedja, sengha jew sajd. Mill-banda l-ohra n-nisa li xoghlhom kien id-dar u l-kura taghha kienu jsajru u jaqdu doveri ohra fid-dar.

Uhud kienu jaghmlu xoghol ta' l-insig.

Hafna li ma kellhomx xoghol permanenti kienu jiddependu minn dawk li kienu jikruhom kull filghodu biex jaghmlulhom jum xoghol. Xi whud li l-hajja tathom bil-harta kienu jintasbu fit-triq u jittalbu.

L-IKEL

L-ikel normali ghall-familja lhudija kien il-haxix ta’ l-istagun bhal nghidu ahna basal, fazola, hjar etc. Il-borma u ikel iehor kienu jaghtuh it-toghma billi jzidulhom il-melh u hwawar bhal nghidu ahna kumin, zafran, koriander u minta. Il-hobz tal-qamh jew xghir kien il-bazi tad-dieta taghhom. Fuq il-mejda lhudija kont issib ukoll il-halib u prodotti mahduma minnu bhal gobon, zejt u zebbug u anke ghasel. Ma kienx jonqos l-imbid.



Il-hut kien abbundanti specjalment fil-Galilea u barra li kienu jiekluh mixwi kien ukoll jippreservawh billi jnixfuh jew imelhuh u hekk wiehed seta’ jsibu s-sena kollha. Il-laham kien lussu ghall-familja komuni. Il-haruf kien laham li setghu jieklu bla problemi billi l-luhd kellhom hafna regoli dwar l-annimali li setghu joqtlu biex jikkunsmaw lahamhom.

Bhala frott il-persuna lhudija kienet tiekol il-lews u l-frott ta’ l-istagun, gheneb, rummien u dulliegh, u meta ma kienx ikun zmienu kienu jieklu frott niexef bhat-tin jew tamar imqadded.

L-ILBIES

Hafna mill-ilbies taghhom kien mahdum mis-suf, ghalkemm xi drabi kien ikun mahdum ukoll mill- ghazel. Kemm irgiel kif ukoll in-nisa kienu jilbsu l-ewwel libsa li kienet tasal sa l-irkobba u aktar tard din bdiet tasal sa l-ghekiesi tar-rigel. Cinturin kien jdur mal-qadd biex jaqfel l-ilbies taghhom; mieghu setghu jaqflu bhal borza li fiha kienu jgorr l-flus.. Kienu jilbsu wkoll mantell jekk matul il-jum jew mal-lejl jaqa' il-ksieh. Ghas-saqajn kien juzaw sandli jekk ma kienux jimxu hafjin.

Ghalkemm il-hajja kienet iebsa ghal lhudi ordinarju kien hemm mumenti li fihom kien jirrekrea ruhu. Il-festini, kant u r-rakkonti flimkien maz-zfin kienu mumenti ta' serhan u aljenazzjoni mill-hajja ta' kuljum.

